VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,972, 3 ta' April, 2018

Taqsima B

A. L. 103 tal-2018

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (KAP. 449)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Infurzar ta' diversi Regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-responsabbli għas-saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti huwa Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Infurzar ta' diversi Regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Infurzar ta' diversi Regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

L. S. 449.56

Sostituzzjoni tar-regolament 3.6 a. tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3.6 a tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3.6a Ir-Regolament (UE) Nru 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001".

Sostituzzjoni tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. (1) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-ksur tad-dispożizzjonjiet ta' regolamenti magħmula taħt l-Att għandhom japplikaw dwar il-ksur tal-imsemmija regolamenti tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-pieni kif imsemmija fl-Artikolu tar-Regolament (UE) Nru 2015/2283 29 għandhom jirreferu għal dawk kif mogħtija fl-artikolu 43(1), (2), (3)(a) u (b) tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel.".

Cap. 449.